MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali

Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja
Triq il-Biċċerija, Albertown, Marsa, MRS 1123 - Malta

# Viral Hemorrhagic Disease (VHD)

Il-Viral Hemorrhagic Disease hija marda tal-fniek kontaġġuża, ikkawżat minn *virus*.

Is-Sintomi jinkludu:

- Nuqqas t'aptit
- Letarġija
- Deni għoli
- Spażmi
- Mewt f'daqqa

- Il- VHD ġeneralment tikawża mewt rapidu u f'daqqa, bi ftit twissija. Il-fniek jaf imutu mingħajr ma juru ebda sintomi.
- F'ċertu każijiet jidher ftit demm madwar l-imnieħer, il-ħalq u r-rektum. Mewt bla sintomi fil-fniek għandu jkun suspettuż, għalhekk huwa importanti li tirrapurta lil veterinarju tiegħek jew il-veterinarju ta' l-Istat bħala każ possibli ta' VHD.
- M'hemmx kura magħrufa għal VHD. L-unika prevenzjoni kontra l-marda huma l-vaċċini.





## Kif tinxtered il-VHD

Kif imsemmi, il-VHD tittieħed ħafna. Tista tinfirex billi:

- Il-fenek jiġi f'kuntatt ma' oġġetti kkontaminati mill-*virus*. Dawn l-oġġetti jinkludu għodda li tintuża fuq ir-razzett, ħwejjeġ, żraben, karrozzi u tajers tat-trakkijiet.
- Kuntatt dirett ma' fenek infettat jew kuntatt mal-ippurgar ta' fenek infettat.
- Kuntatt ma' prodotti tal-fniek bħal pil, laħam jew suf ta' fniek infettati.
- Insetti, għasafar, u annimali bħal ġrieden, huma magħrufa li jxerrdu l-virus indirettament għax jistaw jittrasmettu l-marda minn fenek infettat għal fenek li mhux infettat.
- In-nies jistaw jxerrdu l-virus lil fniek tagħhom jekk ikollhom kuntatt ma' fniek infettati jew ma' oġġetti kkontaminati bil-virus, inkluż il-ħmieġ minn fniek infettati.

## Kif tipproteġi l-fniek tiegħek

- Aħsel idejk sew qabel tieħu ħsieb il-fniek tiegħek, partikolarment jekk tkun ġej minn postijiet fejn hemm fniek oħra jew fejn in-nies li setgħu kienu f'kuntatt ma' fniek oħra.
- Naqqas l-insetti billi tinstalla *nets* mat-twieqi u l-bibien.
- Żomm fi kwarantine kwalunkwe fenek ġdid għal tal-inqas 5 t'ijiem. Dejjem ħalli l-fniek fi kwarantina għall-aħħar meta tkun qed taħdem fir-razzett, u żomm il-provvisti kollha għalihom separati mill-provvisti tal-fniek l-oħra.
- Ittawwal lill-fniek tal-inqas darba kuljum u irraporta f'każ ta' fniek mejta.

Għal aktar kjarifika jew informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja s-sezzjoni tas-Saħħa tal-Annimali fuq: 22925232

22925195

22925202.